# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 7 ta’ Dicembru 2017**

Rikors Guramentat Nru.  143 / 15RGM

Kawza fil-lista:  19

**R X f’isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta’ wliedha minuri A u B ahwa X**
**vs**
**Y Z;**
**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici fit-23 ta' Gunuu 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi fl-10 ta' Gunju 2002 lill-attrici tweldilha it-tifel bl-isem ta' A hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid filwaqt illi fis-6 ta' Marzu 2007 lill-attrici tweldilha tifel iehor bl-isem ta' B hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid;

Illi skont l-istess certifikati tat-twelid it-tfal, A u B gew inskritti bhala wlied l-attrici u ta' missier mhux maghruf (unknown father);

Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut Y Z huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri, A u B in kwantu gew koncepiti minnu mir-relazzjoni li l-istess konvenut kellu mal-attrici omm l-istess minuri;

Illi skont il-ligi l-konvenut bhala missier il-minuri A u B ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skont il-mezzi tieghu, l-istess tfal minuri;

Illi l-konvenut mhux qed ihallas manteniment ghall-istess minuri;

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jirrikonoxxi lill-uliedu fil-bidu kien se jersaq ghal kuntratt relattiv tant li gie redatt, anke abbozz ta' rikonoxximent, izda imbaghad baqa' ma resaqx ghall-publikazzjoni tal-istess, oltre li mhux qed ihallas manteniment u ghalhekk huwa inadempjenti;

Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragurnijiet fuq imsemmija li:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Y Z huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tfal minuri A u B;

Konsegwentement tordna li l-Att tat-twelid tal-istess tfal minuri A u B jigu korretti fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" u sostitwiti bil-kliem "Y Z" u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess Y Z;

Tiddikjara wkoll illi l-konvenut Y Z bhala missier il-minuri A u B ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess tfal minuri tieghu, u dana b'effett mid-data tat-twelid taghhom;

Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli rnill-konvenut Y Z lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri A u B inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat l-istess manteniment.

Tordna u tikkundanna lill-konvenut Y Z sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-

minuri u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew dhul jew assistenza socjali tal-konvenut Y Z.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 1818 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha R X giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri A u B ahwa X skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponenti tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni hija tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernanti sabiex jissottornettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponent tistieden lill-konvenut Y Z sabiex jipprezenta d-dettalji personali kolllha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) numru tal-karta tal-identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta` tieghu meta twieldu il-minuri A u B ahwa X, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldu l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu l-minuri A u B ahwa X. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti minuri A u B ahwar X, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, mija, hamsa u ghoxrin (2125) tas-sena elfejn u tnejn (2002) u bin-numru progressiv tmien mija, sitta u hamsin (856) tas-sena elfejn u sebgha (2007), rispettivarnent;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri A u B ahwa X a tenur tal-Artikolu92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi ghall-ahhar tlett talbiet, l-esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur.

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez, tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Y Z li taqra kif gej:-

Illi kwantu jirrigwarda it-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) talba tar-rikors promotur dawn huwa proceduralment insostenibbli peress ritwalment ma giex segwiet dak li jiddisponi l-avviz legali dwar il-htiega ta' medjazzjoni antecedentement ghall-pretensjonijiet kif dedotti u kwindi ghandhom jigu rigettati. Illi di piu', tali talbiet ukoll ma jistghux jintlaqghu peress li l-imsemmija R X la ghandha u lanqas ma hi titlob il-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija tfal.

Illi kwantu jirrigwarda l-ewwel (l) u t-tieni (2) talba l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi fil-kawza.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u dato ma non concesso li ma tkunx akkolta l-ewwel eccezzjoni l-esponent jwiegeb is-segwenti:

1. Illi kwantu jirrigwarda t-tielet (3) talba huwa dispost li jmantni u jeduka lill-minuri purche fil-limiti ragonevoli ta' dak li jinkassa bhala impjieg. Filwaqt li l-imsemmija R X, li llum ghandha relazzjoni ma' certu Mark, ukoll u similment tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-minuri.

2. Illi l-esponent dejjem provda ghall-manteniment taz-zewg minuri ghalhekk ma jistax jifhem ghaliex dan qieghed jintalab mit-twelid. Illi kif ser ikun provat fil-kors tal-kawza u kif diga' inghad dejjem provda manteniment edegwat u li dejjem gie accettat mill-imsemmija R X minghajr protesti, sakemm kienu flimkien. Izda ukoll tali talba hija legalrnent insostenibbli fic-cirkoslanzi u ghalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi kwantu jirrgwarda l-modalitajiet u b'mod partikolari l-awment perjodikali tal-manteniment, dan ghandu jithalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti fid-dawl tal-prassi li diga' tezisti bejn il-kontendenti ta' kif kien jithallas dan il-manteniment. Izda kwantu ghall-awment tal-manteniment dan ghandu jkun skont l-indici anness ma' KAP 158 tal-Ligijiet ta' Malta u kull perjodu ta' sentejn u li jittiehed kont ukoll tal-awment fl-introjtu tal-imsemmija R X.

4. Illi kwantu jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri, hu lest jerfa' r-responsabbiltajiet tieghu, purche` fil-parametri ta' dak li huwa ragjonevoli. Kwantu jirrigwarda edukazzjoni dan ghandu jirreferi biss ghall-edukazzjoni moghtija mill-Gvern u taghlim kurrikulari biss u mhux dak extra-kurrikulari u dan fid-dawl tal-introjtu modest biex ma jinghadx mizeru tal-esponent.Fi kwalunke kaz, kwalunkwe nefqa kemm edukattiva u dik ta' sahha ghandha tkun sopportata minn ricevuti sodisfacenti u skont il-ligi ta' kull infiq inkors.

5. Illi fl-ahharnett dina l-Onorabbli ghandha wkoll tipprovdi ghad-drittiijiet tal-esponent kwantu jirrigwarda access. Ghalhekk, is-sentenza taghha ghandha wkoll tipprovdi ghal access adegwat tal-esponent ghaz-zewg minuri billi tipprovdi dwar l-hinijiet, granet, sleep overs u lok ta' kif dan l-access ghandu jkun ezercitat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015, fejn in-vista tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku l-Qorti nnominat lill-attrici bhala kuratrici 'ad litem' taz-zewg uliedha l-minuri;

Rat in-nota tal-konvenut Y Z pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2015 fejn indika d-dettalji personali tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Gunju 2016 fejn il-Qorti laqghet t-talba tal-attrici u nnominat lil Dottor Marisa Cassar, bhala espert gudizzjarju ghall-finijiet tat-testijiet tad-DNA;

Rat ir-rapport ta' Dottor Marisa Cassar li ccertifika li l-konvenut Y Z hu l-missier naturali tal-minuri A X u B X;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Dicembru 2015 fejn giet nominata l-Avukat Dottor Tanya Sammut Catania bhala Avukat tat-Tfal biex tippartecipa fl-iskambju bejn l-Avukati tal-partijiet fl-interess tal-minuri;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017 fejn gew ttrattati mill-partijiet l-ewwel tlett talbiet tal-attrici, l-konsulent legali tal-attrici ssottometta li billi s-subien illum ghandhom 15-il sena u 10 snin rispettivament ikun ahjar li jzommu biss il-kunjom li garrew sa issa cioe' dak ta' ommhom; il-konsulent legali tal-konvenut ssottomettiet li jkun ta' hsara ghall-minuri jekk ma jgorrux ukoll kunjom missierhom talvolta jkunu rikonoxxjuti, kif generalment issir f'kazijiet simili, u l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar dan il-punt u l-ewwel tlett talbiet tal-attrici.

**IL-PROVI.**

It-Tabiba Dottor Marisa Cassar, nominata mill-Qorti bhala espert gudizzjarju ghall-finijiet tat-test tad-DNA fl-affidavit taghha mahluf fit-30 ta' Awissu 2016,[1] iddikjarat li fit-2 ta' Awissu 2016 gabret il-kampjuni ta' Y Z ID Numru 549780M, u ta' R X ID Numru 123082M, ta' A X u B X fl-10 ta' Awissu 2016 sabiex ikunu jistghu jsiru it-testijiet ta' DNA (Paternity test) u li mit-testijiet li ghamlet irrizulta li Y Z ID Numru 549780M hu l-missier naturali ta' A X u B X. Hi annettiet mal-affidavit r-rapporti minnha ffirmati.

Il-**konvenut Y Z** fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016,[2] iddikjara li n-numru tal-karta' tal-identita' tieghu hu 549780M, li twieled il-Pieta' fit-23 ta' Novembru 1980 u li missieru jismu Dominic Z u ghadu haj.

**Mark Baker,** xehed fl-istess seduta,[3] u ddikjara li fil-prezent qieghed f'relazzjoni mal-attrici R X u li ilhom xi sentejn. Huma jghixu separatament, hu jghix f'Rahal il-Gdid. Ma kellux tfal mill-attrici pero' kellu erbat itfal ohra minn zewg relazzjonijiet precedenti, tnejn minn mara u tnejn minn mara ohra.

L-**attrici, R X** xehdet ukoll fl-istess seduta.[4] Hi ddikjarat li mal-konvenut Y Z, ghamlet 14-il sena. Meta bdiet ir-relazzjoni mieghu kellha 17-il sena kellhom zewg subien, A u B li ghandhom 14 il-sena u 9 snin rispettivament.

Meta ltaqghet mal-konvenut diga` kellha tifel, Ismael ta' kwazi sentejn u kienet qed tircievi beneficcji mis-Sigurta' Socjali. Meta twieled it-tifel A il-konvenut ma riedx jaghmel lit-tifel fuq ismu billi kienu jieqfu l-beneficcji socjali u l-konvenut ma kienx dispost jmantni l-ewwel tifel taghha. L-attrici kienet tghix ghand ommha u l-konvenut kien jghix ghand ommu. Wara hames snin kellhom it-tifel l-iehor, B li llum ghandu 9 snin. Qabel ma twieled t-tieni tifel bdew iffittxu post billi l-konvenut ma riedx jikri. Sabu post u ftehmu li jirrangaw il-post bil-paga tieghu u hi tmantni t-tfal bir-relief. Dan il-post jinsab il-Hamrun. Il-post nxtara fuq ismu, l-konvenut qalilha li ma jista' jkollha xejn fuqha billi kienet qed tircievi r-relief. Il-konvenut xtara l-post f'Ottubru 2002 bil-prezz ta' LM15,000 cirka. L-attrici ezebit r-ricerki dwar il-konvenut Y Z li gew markati Dok A1. Xehdet illi kellhom il-hsieb li jizzewwgu fi Knisja Kristjana pero' il-konvenut beda ripetutament ikecciha 'l barra bit-tfal b'kollox, fi zmien sena tghid li kecciha xi 15-il darba. Hi kienet tmur ghand ommha bit-tfal, gieli bil-lejl u bil-pigama. Kienet titlaq kull darba li kecciha. Kien jghidilha li l-post tieghu u kien jkollha titlaq. Anke meta

[1] Fol 38.
[2] Fol 53.
[3] Fol 66 et seq.
[4] Fol 69 et seq.

kien jkun xoghol bil-lejl kien ikecciha biex ikun jista' jorqod. Dejjem kienu jergghu jirrangaw u kienet tmur lura.

Il-**konvenut, Y Z**, xehed fl-istess seduta.[5] Hu qal li kellhom relazzjoni normali. Hi diga` kellha tifel u ma kienx jaf ghaliex missier dan it-tifel qatt ma kien jarah. Fil-bidu kienu jghixu separatament, wara xtara dar u rrangaha, u marru jghixu fiha. Hu qal li kien jaghti lill-attrici manteniment ta' mitt Euro fil-gimgha. Qabel kien ghamel sena ma jahdimx billi waqa' u wegga' idu. Kellu incident iehor u kien kostrett jieqaf mix-xoghol u beda jircevi biss 56.25 Euro u ma setax jibqa' jaghtiha mitt Euro fil-gimgha. Illum jahdem mas-Silcam bhala salesman. Meta l-partijiet ma baqghux jghixu flimkin hu lit-tfal kien jarahom nhar ta' Sibt il-football.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

F'dan l-istadju tal-kawza il-Qorti ser tippronunzja sentenza fuq l-ewwel tlett talbiet attrici u dwar x'kunjom ghandhom jiehdu jew izommu l-minuri ladarba l-att tat-twelid taghhom jigi korrett u ma jibqax jindika 'missier mhux maghruf'.

Fl-ewwel talba l-attrici qed titlob li l-konvenut Y Z jigi dikjarat l-missier naturali u biologiku tat-tfal minuri A u B.

Fit-tieni talba, li hi konsegwenzjali ghall-ewwel talba, qed titlob l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelied taghhom billi l-kliem "Missier mhux maghruf" fic-certifikati jigu sostitwiti bil-kliem "Y Z" u jigu inseriti l-partikolaritajiet kollha tal-konvenut Y Z fil-kolonni rispettivi.

Fit-tielet talba l-attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenut Y Z, bhala l-missier naturali tal-minuri A u B ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka l-istess minuri, mid-data tat-twelid taghhom.

L-**Artikolu 70A tal-Kap.16** jittratta dwar parentela naturali, cioe' meta bhal kaz in ezami, tkun mehtiega l-kjarifika tal-parentala naturali tal-wild. Skont is-subinciz (2) ta' dan l-Artikolu:

"Meta jsir r-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) minn persuna li ghandha d-dritt li tikkjarifika, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tista' tehtieg lil kwalunkwe wiehed mill-konjugi, lill-wild, u lil allegat genitur naturali, kif ikun il-kaz, sabiex jaghtu l-kunsens taghhom ghal test genetiku dwar il-parentela u li jaccettaw li jittiehdilhom kampjun genetiku xieraq ghat-test skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi vigenti:

[5] Fol 93 et seq.

Izda fejn l-imsemmi kunsens ma jinghatax mill-partijiet, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandha tissosstitwixxi dak il-kunsens li ma nghatax u ghandha tordna li jittiehed il-kampjun necessarju".

L-**Artikolu 86A (1) tal-Kap 16** jghid hekk:

"L-omm ta' iben mnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iresqu talba gudizzjarja biex tigi stabbilita l-paternita' tat-tifel u biex il-Qorti tordna r-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti tal-istat civili relattivi.

Dwar il-kunjom tat-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg l-**Artikolu 92 tal-Kap 16** jghid hekk:

(1) Tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg, jekk ikun gie maghruf b'ibnu mill-missier, jiehu il-kunjom tal-missier, li mieghu jista' jzied kunjom l-omm, diversament jiehu kunjom l-omm:

Izda meta tifel mwieled barra miz-zwieg ikun gie rikonoxxut mill-missier u mill-omm flimkien fuq l-att tat-twelid, il-kunjom li dak it-tifel ghandu jkun maghruf ghandu jkun determinat skont l-artikolu 292A.

Izda ukoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba gudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dhul fis-sehh ta' dan il-proviso, it-talba opportuna biex wara kunjom il-missier jigi mizjud kunjom l-omm ghandha issir lill-Qorti f'kull hin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jiehu kunjom il-missier:

Skont **artikolu 292A tal-Kap 16 :-**

*"Min jagħti l-avviż tat-twelid għandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-ġenituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juża fit-termini ta' artikolu 4(3) jew tal-artikolu 92, u dak il-kunjom għandu jkun reġistrat fil-kolonna taħt l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet. Meta ma ssirx dikjarazzjoni bħal dik fil-każ ta' tifel imnissel u mwieled fiż-żwieġ, kunjom il-missier għandu jitqies li jkun ġie hekk dikjarat, u fil-każ ta' tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, kunjom xbubit l-omm għandu jitqies bħala l-kunjom hekk dikjarat."*

Dwar l-ewwel talba tal-attrici, il-Qorti giet infurmata fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015, li l-partijiet kienu ser jaghmlu tentattiv sabiex ir-rikonoxximent

tal-missier isir bonarjament u ghalhekk talbu differiment. Dan gie kkonfermat fil-verbal registrat fis-seduta sussegwenti tal-25 ta' Novembru 2015, pero' fis-seduta ta' wara, dik tal-21 ta' Jannar 2016 iddikjaraw li r-rikonoxximent volontarju baqa' ma sarx.

B'nota pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2015, fit-termini tal-verbal tas-seduta tat-22 ta' Settembru 2015, il-konvenut indika d-dettalji kollha tieghu kif mitlub mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-raba' paragrafu tar-risposta tieghu.

B'ittra ufficjali pprezentata fid-29 ta' Jannar 2016, l-attrici interpellat lill-konvenut biex jersaq ghar-rikonoxximent volontarju tal-minuri A u B. Fl-istess ittra ddikjarat li l-konvenut ghall-ewwel kien qabel li jiffirma l-att ta' rikonoxximent, izda baqa' ma ffirmahx.

Billi l-Qorti baqghet ma gietx infurmata jekk sarx jew le r-rikonoxximent volontarju, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2016, giet nominata t-Tabiba Dottor Marisa Cassar bhala espert gudizzjarju ghall-finijiet tat-test tad-DNA.

L-espert gudizzjarju, gabret il-kampjuni fit-2 ta' Awissu 2016 u fl-10 ta' Awissu 2016 u mit-testijiet li ghamlet ikkonkludiet li l-konvenut Y Z hu l-missier naturali ta' A X u B X.

Jigi rilevat li, l-istess konvenut, fl-iskrittura, Dok A2, tas-7 ta' Jannar 2010, iffirmata miz-zewg partijiet fil-presenza tal-Avukat Dottor Reno Borg,[6] iddikjaraw li huma l-genituri naturali tal-minuri A u B.

**Kunjom il-Minuri**.

Dwar il-kunjom tal-minuri, l-**artikolu 92 (6) tal-Kap 16** jiddisponi li meta il-filjazzjoni ta' persuna tkun giet dikjarata mill-Qorti, kull min b'konsegwenza ta' dan jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom uzat minnu qabel dak it-taghrif, jista' jitlob lill-Qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Regisrtu Pubbliku jithalla juza dak il-kunjom l-iehor, u jekk il-Qorti tkun soddisfatta li b'dak l-uzu mhux ser jigu pregudikati terzi, u f'kaz ta' minuri, li dak l-uzu ikun fl-ahjar interess tal-minuri, il-Qorti ghandha tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur inizzel annotazzjoni fuq l-Att tat-Twelid.

Fil-kaz in ezami fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017, il-konsulent legali tal-konvenut iddikjarat li jkun ta' hsara ghall-minuri li ma jgorrux kunjom missierhom, mizjud ma' kunjom ommhom u ziedet li f'kazijiet simili il-minuri jgorru l-kunjom tal-omm kif ukoll il-kunjom tal-missier.

[6] Fol 269.

Din t-talba skont ir- raba’ proviso tal-artikolu 92(1) ghandha issir f’kull hin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Id-dikjarazzjoni tal-konsulent tal-kovenut f’dik is-seduta tista’ titqies bhala talba skont l-istess artikolu.

Mill-banda l-ohra, l-konsulent legali tal-attrici fl-istess seduta ddikjara li l-attrici titlob li l-minuri ghandhom izommu l-kunjom li garrew sa issa cioe’ kunjom ommhom. L-Artikolu 92(6) tal-Kap 16 li jipprovdi illi :-

*"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu jew ta’ kull artikolu ieħor fil-Kodiċi, meta l-paternità ta’ persuna tkun ġiet magħrufa jew il-filjazzjoni ta’ persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b’konsegwenza ta’ dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista’ jitlob lill-qorti kompetenti b’rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b’dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta’ minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa’ dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-Att ta’ twelid rilevanti ta’ min ikun ġie hekk magħruf jew li tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu jew li dwaru għandha tapplika dik il-preżunzjoni."*

Ikkunsidrat;

Fil-kawza odjerna iz-zewg minuri jafu sew min hu missierhom ghaliex ghal diversi perijodi f'hajjithom iz-zewg genituri ghexu taht l-istess saqaf maz-zewg minuri mertu tal-kawza odjerna.  Ghalkemm huwa minnu illi sallum iz-zewg minuri kienu maghrufa biss bil-kunjom tal-omm, dan ma kienx jirrifletti r-realta ghal numru ta' snin ta' dawn iz-zewgt itfal.

Fil-fehma tal-Qorti huwa fl-interess tal-minuri illi mad-dikjarazzjoni tal-paternita' z-zewg minuri ghandhom jassumu l-kunjom "**Z X**". Dan jiswa wkoll bhala turija illi issa z-zewgt itfal minuri m'ghadx ghandhom ic-certifikat tat-twelid juri "missier mhux maghruf".

**Manteniment**.

Una volta l-konvenut Y Z qed jigi bil-prezenti dikjarat ufficjalment missier iz-zewg minuri, jehtieg illi qabel ma jigu trattati u decizi l-kumplament tat-talbiet

dwar kura, kustodja u manteniment attrici li l-partijiet jissodisfaw d-disposizzjonijiet tal-Ligi Sussidjara 12.20.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel zewg talbiet tal-attrici billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti fir-rigward bil-mod kif hawn deciz:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut Y Z huwa l-missier naturali u bijologiku taz-zewg minuri A u B; imwielda fl-10 ta' Gunju 2002 u fis-6 ta' Marzu 2007 rispettivament.

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tordna li l-Att tat-Twelid tat-tfal minuri A u B jigu korretti fis-sens li fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" jigu sostitwiti bil-kliem "Y Z" u li jigu inseriti l-partikolaritajiet kollha tal-istess Y Z fil-kolonni rispettivi fl-istess Att tat-Twelid ai termini tal-verbal tat-30 ta' Novembru 2016.

3. Tordna li z-zewg minuri jkunu maghrufa bil-kunjom "Z X".

4. Taghti lill-attrici ghaxart ijiem utli millum sabiex tistitwixxi l-proceduri ai termini tal-Ligi Sussidjarja 12.20 dwar il-vertenzi kollha ta' bejn il-partijiet rigwardanti z-zewg minuri.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**